MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 935/2012

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jesmond Gatt detentur tal-Karta tal-Identita` numru 211370 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar is-6 ta` Settembru 2012 ghal habta tat-tlieta ta` wara nofsinhar (15:00hrs), gewwa Triq il-Belt Valletta, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta` car stereo minn gewwa vettura bin-numru ta` registrazzjoni FAR 934 liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u x-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-deteriment ta` Josette Portelli u/jew persuni ohra;

Akkuzat ukoll talli nhar il-11 ta` Settembru 2012 ghal habta tas-sitta ta` wara nofsinhar (18:00hrs) gewwa Blk A, Flt 9, Triq ic-Cikas, Haz-Zabbar, wara li kien gie

ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta` oggetti (car stereos u par speakers), li ma kienux tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta` kif ikunu gew legittimament ghandu, inkella nstabu ghandu ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta` serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nstabu ghandu f'dak iz-zmien;

B'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li gie misjub hati permezz ta` sentenzi mill-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

**Ghal dawn il-motivi:**

Wara li rat l-Artikoli 261 (b) (g), 263 (a), 334, 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal-sena (1) prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------